Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 524/2002/1

**Highway Auto Company Limited**

**vs**

**Joseph Muscat**
**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' LM8031 (tmient elef u wiehed u tletin lira Maltin) import ta' tlett kambjali hawn annessi u mmarkati bhala dokument A, B u C skaduti fil-21 ta' Lulju, 1997, fl-20 ta' Settmebru, 1997 u 30 ta' Dicembru, 1997 rapprezentanti self ta' flus mis-socjeta' attrici lill-konvenut u dan oltre l-imghax legali mit-30 ta' Dicembru, 1997 kif ukoll skond skrittura ta' l-4 ta' Frar, 2000 hawn annessa u mmarkata dokument D.

Ippremettiet illi l-attur interpella lill-konvenut b'ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu, 1999 biex ihallas lill-attur is-somma ta' LM8031 oltre l-imghax legali mit-30 ta' Dicembru, 1997 pero' baqa' inadempjenti;

Ippremettiet illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut;

Ippremettiet illi l-attur jaf lilu nnifsu b'dawn il-fatti kif fuq dikjarati;

Ippremettiet illi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida x'jissolleva.

Talbet li ghid il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(i) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' LM8031 oltre l-imghax legali mit-30 ta' Dicembru, 1997 rapprezentanti import ta' tlett kambjali hawn annessi u mmarkati bhala dokument A, B u C skaduti fil-21 ta' Lulju, 1997, fl-20 ta' Settembru, 1997 u 30 ta' Dicembru, 1997 rapprezentanti self ta' flus mis-socjeta' attrici lill-konvenut kif ukoll skond skrittura ta' l-4 ta' Frar, 2000 hawn annessa u mmarkata dokument D.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tad-9 ta' April, 2002 u ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu, 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Moqrija.

IMHALLEF

D/REG